Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2763

28.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/2763

tat-22 ta' Ottubru 2024

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2038 (EUNAVFOR ASPIDES/4/2024)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 tat-8 ta' Frar 2024 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tagħha,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583, li stabbiliet operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES).

(2) Skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/583, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ASPIDES.

(3) Fis-17 ta' Lulju 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2038 ([2]), li ħatret il-Kontrammirall Massimo BONU bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ASPIDES mit-8 ta' Awwissu 2024.

(4) Fis-16 ta' Ottubru 2024, l-awtoritajiet militari Griegi pproponew il-ħatra tal-Komodor Konstantinos PITYKAKIS biex jieħu post il-Kontrammirall Massimo BONU bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ASPIDES mill-1 ta' Novembru 2024 (il-"ħatra proposta").

(5) Fis-16 ta' Ottubru 2024, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE EUNAVFOR ASPIDES appoġġa l-ħatra proposta.

(6) Fis-17 ta' Ottubru 2024, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta.

(7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Komodor Konstantinos PITYKAKIS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ASPIDES.

(8) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2038 titħassar.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Komodor Konstantinos PITYKAKIS huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) mil-l 1 ta' Novembru 2024.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2038 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L, 2024/583, 12.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/583/oj

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/2038 tas-17 ta' Lulju 2024 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1686 (EUNAVFOR ASPIDES/3/2024) (ĠU L, 2024/2038, 29.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2038/oj)

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2024.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK